

32002R0221

L 37/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

6.2.2002

**IR-REGOLMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 221/2002****tas-6 ta' Frar 2002****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 466/2001 li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

Il-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel (<sup>(1)</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 315/93 jipprovdi illi jridu jiġu ffissati l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 (<sup>(2)</sup>), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2375/2002 (<sup>(3)</sup>) jiffissa l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel sabiex japplikaw mill-5 ta' April 2002. B'mod partikolari, l-Anness I ta' miegħu jiffissa l-livelli għaċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju fċerti prodotti mis-sajd.
- (3) Huwa essenzjali, sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika, li l-kontaminati jinżammu fl-livelli li huma aċċettabbi tassist-kollobi. Il-livelli massimi għaċ-ċomb, il-kadmju u l-merkurju għandhom ikunu mingħajr periklu u baxxi daqs kemm jistgħu jinkisbu b'mod raġjonevili (l-ALARA)

imsejsa fuq prattiċi tajba tal-fabrikazzjoni u mill-biedja u/jew is-sajd. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ġdida analitika huwa meħtieġ li jiġu rriveduti d-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 455/2001 rigward dawn il-kontaminanti fċerti prodotti mis-sajd. Id-disposizzjonijiet riveduti jżommu livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-konsumatur.

- (4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 466/2001 huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika mill-5 ta' April 2000.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-6 ta' Frar 2002.

*Għall-Kummissjoni**David BYRNE**Membru tal-Kummissjoni*<sup>(1)</sup> ĠU L 37, tat-13.2.1993, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 77, tas-16.3.2001, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 321, tas-6.12.2001, p. 1.

## L-ANNESS

It-Taqṣima 3 (Il-Metalli t-tqal) ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 466/2001 jiġi emendat kif ġej:

(a) fejn jirrigwarda ċ-ċomb (Pb), il-punti 3.1.4, 3.1.4.1 u 3.1.6 jiġu mibdula b'li ġej:

"Il-Prodott	Il-Livell Massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.1.4. Il-Laħam tal-muskoli tal-ħut (*) kif iddefinit fil-kategoriji (a), (b) u (e) fil-lista ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 194/2000 (ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22), minbarra l-ispeċċi tal-ħut elenkti fit-3.1.4.1	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.4.1. Il-Laħam tal-muskoli (*) ta': il-bonito ( <i>Sarda spp.</i> ) l-isparli komuni taż-żewġ faxex ( <i>Diplodus vulgaris</i> ), is-sallura ( <i>Anguilla anguilla</i> ), il-mulett kaplat ( <i>Mugil labrosus labrosus</i> ), il-grunt ( <i>Pomadasys benneti</i> ) is-sawrell jew l-i scad ( <i>Trachurus trachurus</i> ) is-sardin ta' l-aringi ( <i>Sardina pilchardus</i> ), is-sardinops ( <i>Sardinops species</i> ), l-ispnotta tat-tikek ( <i>Dicentrarchus punctatus</i> ), it-tonn ( <i>Thunnus species</i> u <i>Euthynnus species</i> ), il-lingwata wedge ( <i>Dicologlossa cuneata</i> )	0,4	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.6. Il-Molluski bivalvi	1,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

(\*) Meta l-ħut ikun maħsub sabiex jittiekel sħiħ, il-livell massimu għandu jaapplika għall-ħuta kollha."

(b) fejn jirrigwarda l-kadmju (Cd), il-punti 3.2.5, 3.2.5.1 u 3.2.6 jiġu mibdula b'li ġej:

"Il-Prodott	Il-Livell Massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.2.5. Il-Laħam tal-muskoli tal-ħut (*) kif iddefinit fil-kategoriji (a), (b) u (e) fil-lista ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, bl-eskużjoni ta' l-ispeċċi tal-ħut elenkti fit-3.2.5.1	0,05	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.5.1. Il-Laħam tal-muskoli (*) ta': il-bonito ( <i>Sarda spp.</i> ) l-isparli komuni taż-żewġ faxex ( <i>Diplodus vulgaris</i> ), is-sallura ( <i>Anguilla anguilla</i> ), l-inċōva Ewropea ( <i>Engraulis encrasicholus</i> ), il-mulett kaplat ( <i>Mugil labrosus labrosus</i> ), is-sawrell jew l-i scad ( <i>Trachurus trachurus</i> ), il-louvar jew luar ( <i>Luvarus imperialis</i> ), is-sardina ta' l-aringi ( <i>Sardina pilchardus</i> ), is-sardinops ( <i>Sardinops species</i> ), it-tonn ( <i>Thunnus</i> u <i>Euthynnus species</i> ), il-lingwata wedge ( <i>Dicologlossa cuneata</i> )	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.6. Il-krustacċi, minbarra l-laħam kennella tal-granċ u minbarra l-laħam tar-ras u tas-sider ta' l-awwista u krustacċi kbar simili ( <i>Nephripidae</i> u <i>Palinuidae</i> )	0,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

(\*) Meta l-ħut ikun maħsub sabiex jittiekel sħiħ, il-livell massimu għandu jaapplika għall-ħuta kollha."

(c) fejn jirrigwarda l-merkurju (Hg), il-punt 3.3.1.1 jiġi mibdul b'li ġej:

“Il-Prodott	Il-Livell Massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għall-metodi ta’ l-analiżi
3.3.1.1. Il-Petriċja ( <i>Lophius spp.</i> ) il-ħut tal-mustaċċi ta’ l-Atlantiku ( <i>Anarchichas lupus</i> ), l-ispnotta ( <i>Dicentrachus labrax</i> ), il-molva kaħla ( <i>Molva dipterygia</i> ), il-bonito ( <i>Sarda sarda</i> ), is-sallura ( <i>Anguilla species</i> ), id-dott imperjali jew minn lewn il-larinġa ( <i>Hoplostethus atlanticus</i> ), il-grenadier ( <i>Coryphaenoides ruperstris</i> ), l-alibatt ( <i>Hippoglossus hippoglossus</i> ), il-marlin ( <i>Makaira species</i> ), il-lizz ( <i>Esox lucius</i> ), il-bonito komuni ( <i>Orcynopsis unicolor</i> ), il-gattarell portugiż ( <i>Centroscymnus coelolepis</i> ), ir-rajja ( <i>Raja species</i> ), il-ħuta ħamra ( <i>Sebastes marius</i> , <i>S. Mentlla</i> , <i>S. Viviparus</i> ), il-ħuta tal-qlugħ ( <i>Istiophorus platypterus</i> ), il-ħuta għant ( <i>Lepidotus caudatus</i> , <i>Aphanopus carbo</i> ), il-kelb il-baħar (l-ispecċi kollha), is-snake mackerel jew butterfish ( <i>Lepidocybium flavobrunneum</i> , <i>Ruvettus pretiosus</i> , <i>Gempylus serperns</i> ), l-istorjun ( <i>Acipenser species</i> ), il-pixxispad ( <i>Xiphias gladius</i> ), it-tonn ( <i>Thunnus species</i> u <i>Euthynnus species</i> )	1,0 mg/kg	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE ”